# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Novembru, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **15/2019**

**AMRI YASMINE**
[K.I. NRU. 513894M]

***VERSUS***

**ELKURBIO MOHAMMED ALI M**
[K.I. NRU. 0132137A]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-1 ta' Frar, 2019 fejn l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elf, seba' mija, tlieta u disghin ewro u sittin centezmi (€1,793.60c) rapprezentanti hsarat li ghamlet tajjeb ghalihom l-istess attrici wara li l-konvenut, afdat bil-vettura taghha, ikkaguna hsarat fuq l-istess, kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mill-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi dirigent u/jew xi difensur ghan-nom tieghu ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha inkluzi d-dikjarazzjonijiet bil-gurament;

Jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu,*

*daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxix il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenzi tas-17 ta' Ottubru, 2019 (*a fol*. 23) u tal-11 ta' Novembru, 2019 (*a fol*. 27), il-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali. Cionostanti tali notifika, l-istess konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu jew ghan-nom tieghu ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal fl-udjenzi li kienu jmissu wara n-notifika lilu ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali ghan-nom tieghu biex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici f'tali udjenzi sussegwenti. Tali konvenut, ghalhekk, gie dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif registrat fil-verbal ta' l-ahhar imsemmija udjenza.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa ma' nota tal-5 ta' Frar, 2019 (ara *a foll*. 8–9) u ta' dak dikjarat bil-gurament mill-attrici stess fl-udjenza tal-11 ta' Novembru, 2019 u cioé: "*It-Tribunal sema' lill-Attrici Yasmine Amri li bil-gurament taghha moghti seduta stante ikkonfermat il-fatti kif imfissra fl-Avviz tat-Talba u ikkonfermat illi l-ammont lilha dovut mill-Konvenut huwa fl-ammont ta' EUR1793.60 illi fih hemm inkluza t-taxxa fuq il-valur mizjud u li l-ebda ammont ma thallas fil-mori tal-proceduri. L-Attrici ikkonfermat ukoll bil-gurament taghha d-dokumentazzjoni ezebita a fol. numri 8 u 9 u spjegat lit-Tribunal illi l-ammonti hemm indikati jeskludu t-taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa, eventwalment zdiedet maghhom sabiex issehh ir-riparazzjoni tal-vettura proprjeta' taghha.*"

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mill-attrici – u anke bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mis-socjetà attrici. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal, ezaminati l-istess fil-kwadru probatorju intier, ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba ta' l-attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-istess attrici s-somma ta' elf, seba' mija, tlieta u disghin ewro u sittin centezmi (€1,793.60c), bl-imghaxijiet fuq tali ammont bir-rata ta' 8% fis-sena jibdew jiddekorru mill-1 ta' Frar, 2019 (data tal-prezenti sejha gudizzjarja) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma a kariku tal-konvenut.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*